MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 3242/1996/1

**Anthony Attard**

**vs**

**Maria Carmela *sive* Marlene Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Novembru 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 t'Awissu 1972 gol-Knisja Parrokkjali ta' Ta' Xbiex, u minn dan iz-zwieg twieldu tliet subien, Stefan ta' ghoxrin (20) sena u zewg tewmin: Kenneth u Brian ta' sittax-il sena u nofs (16 ½);

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' sevizzji,

eccessi u ngurji gravi u minaccji, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur ghalhekk ottjena l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 1197/96, biex hu jkun jista' jipprocedi b'din il-kawza quddiem din il-Qorti;

Illi tentattivi prolungati ghal biex tintlahaq separazzjoni bonarja ma tawx frott;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi jigi dikjarat u deciz:-

1. Illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet attribbwibbli lill-konvenuta u senjatament sevizzji, eccessi, ingurji gravi u minaccji fil-konfront ta' l-attur, u *in subordine*, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u m'ghandhiex tigi stabbilita d-data minn mindu nghata lok ghal din is-separazzjoni skond il-ligi;

2. Ghaliex il-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-kontendenti m'ghandhiex tigi dikjarata xolta;

3. Ghaliex l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti m'ghandhomx jigu likwidati, divizi u assenjati lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Ghaliex m'ghandux jigi nominat Nutar Pubbliku biex jircievi kull att ta' divizjoni ta' l-immobbli, opportun f'jum u hin li wkoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

5. Ghaliex m'ghandhomx ukoll jigu nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kuntumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;

6. Ghaliex il-konvenuta m'ghandhiex tigi dikjarata li ddekadiet minn dawk id-drittijiet taghha, kif jigi stabbilit minn din il-qQorti skond ir-rizultanzi, u dana ghat-tenur ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

7. Ghaliex l-attur m'ghandux jigi awtorizzat li jghix u jabita ad eskluzjoni tal-konvenuta fid-dar: 'Marton', Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, li hija proprjeta' parafernali esklussiva tieghu, b'dana li l-konvenuta tigi ordnata li tallontana ruhha mill-istess dar.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat li l-kawza giet pprezentata fl-14 ta' Novembru quddiem din il-Qorti diversament kostitwita mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano, u giet appuntata mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo b'digriet datat 9 ta' Lulju 1998 ghas-16 ta' Settembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta nkluzi dawk tad-29 ta' Jannar 1998; tal-24 ta' Marzu 1998; tat-2 ta' Lulju 1998; tas-16 ta' Settembru 1998; tad-29 t'Ottubru 1998; tas-7 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi biex tisma' l-provi; tat-12 ta' Frar 1999; tat-22 ta' Marzu 1999; tal-14 ta' Mejju 1999 fejn xehed Stefan Attard u nstema' wkoll rikors bejn l-istess partijiet li jirrigwarda d-dar matrimonjali. Il-Qorti ordnat li l-istess Assistent Gudizzjarju ghandha tisma' l-provi wkoll fir-rikors u tisma' l-ewwel il-provi fuq id-dar matrimonjali qabel ma tigbor il-provi l-ohra; tat-18 t'Ottubru 1999; tal-21 ta' Dicembru 1999; tat-12 ta' Mejju 2000; tad-9 t'Ottubru 2000; tal-24 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Novembru 2001; tal-10 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tat-3 t'Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata u wara l-

Assistent Gudizzjarju giet ordnata zzomm tliet seduti ghall-kontro-ezamijit tal-partijiet.

Rat in-nota tal-konvenuta Marlene Attard datata 2 t'Ottubru 2002 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tas-6 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-attur irrilevat li l-konvenuta hija kontumaci u ma setghetx tipprezenta affidavits; tas-7 ta' Mejju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Marco Ciliberti ghall-konvenuta ddikjara li l-provi huma maghluqa; u tal-21 t'April 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat li l-konvenuta minkejja li giet notifikata bic-citazzjoni attrici baqghet ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Illi ghall-korettezza din il-Qorti tordna li l-provi kollha migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi **"Marlene Attard vs Anthony Attard"** (Cit. Nru 3209/96) ghandhom jghoddu bhala provi wkoll f'din il-kawza u vice-versa. Fil-fatt din il-Qorti qed tordna l-konnessjoni tal-kawzi *stante* li z-zewg kawzi jittrattaw dwar is-separazzjoni bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet illi ilha pendenti mis-sena 1996, ghalkemm kif jidher mill-verbali fuq indikati giet appuntata biss ghal Jannar 1998.

Illi madankollu l-istess partijiet hadu biss biss mid-data ta' l-ewwel appuntament sitt (6) snin sabiex ressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom, u hija bla dubju l-opinjoni tal-Qorti li din il-kawza, bhal hafna ohrajn bhal twalet bla bzonn anke minhabba pika esegerata tal-partijiet, f'dan il-kaz parti aktar minn ohra kif ser jigi espost aktar 'il

quddiem, u wkoll peress li l-partijiet lanqas kienu diligenti kif iressqu l-provi tant li numru kbir ta’ seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi thassru propru minhabba nuqqasjiet tal-partijiet. Ovvjament hawn qed issir riferenza ghall-provi li ngabru fil-kawza l-ohra, *stante* li f’dawn l-atti kulma hemm huwa biss affidavit tal-konvenuta.

Illi dwar il-kwistjoni ta’ separazzjoni, il-partijiet joffru verzjonijiet differenti fejn kull parti twahhal fin-naha l-ohra bhala kawza ta’ separazzjoni. Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u thoss bla ebda dubju kwalunke li l-verzjoni tal-konvenuta giet kollha kemm hija ppruvata anke ghaliex ikkorroboratha minn ulied il-partijiet kollha, inkluzi Kenneth, Brian u Stefan, ilkoll Attard, li flimkien ma’ ommhom spjegaw bl-aktar mod car kif l-istess missier dejjem tratta hazin lil ommhom u anke lil uliedu stess u jirrizulta li l-istess attur kien aggressiv mhux biss lejn martu izda wkoll lejn uliedu, fejn ghaliex proprju kienu jiddefendu lil ommhom mit-trattament tieghu lejha. Huwa kien ukoll kecca lil kbir mid-dar tieghu u in linea generali dejjem hadha, u sa certu punt ipprova jivvendika ruhu minn uliedu stess, tant li ghamel minn kollox anke fil-mori tal-kawza sabiex bl-ebda mod ma jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni taghhom wara li saru maggorenni. Fil-fatt l-istess ulied, ghalkemm sabu ruhhom ma’ ommhom barra mid-dar konjugali, sostnew b’mod l-aktar lampanti l-agir abbusiv ta’ l-istess missier fil-konfront ta’ ommhom. Jirrakkontaw ukoll kif l-istess missierhom kien abbanduna d-dar konjugali fis-6 ta’ Frar 1995, fejn jidher li dan kellu relazzjoni stabbli ma’ certu Antonia Resta, u wara xi sentejn l-istess attur b’arroganza rega’ dahal fid-dar konjugali, ha l-kamra tieghu kecca lil ibnu l-kbir mid-dar, u rrenda l-hajja ta’ l-istess martu mizera ghal kollox, billi beda jnehhi l-affarijiet u oggetti essenzjali li kien hemm fl-istess dar. Il-konvenuta giet kostretta tabbanduna d-dar konjugali, liema sitwazzjoni ghadha hekk sa llum.

Illi bla dubju din il-Qorti kif presjeduta thoss li dan huwa kaz klassiku iehor fejn is-socjeta’ u wkoll l-awtoritajiet kompetenti hallew l-istess vittma tbaghti u certament li dan ma ghandux jithalla jsir, u ghalhekk hemm bzonn li

din il-Qorti tinghata l-ghodda li ghandha bzonn sabiex kazijiet bhal dawn jinghataw rimedju fil-hin. Din il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghax-xhieda tal-konvenuta u ta' ulied l-kontendenti fosthom Stefan Attard u Kenneth Attard li anke jsemmu ncidenti ta' vjolenza u din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Carol Peralta datata 23 ta' Lulju 1997 fejn l-istess konvenut kien instab hati li hedded u sawwat lil martu (fol. 172 fil-process tal-kawza istwita mill-mara).

Illi dwar r-relazzjoni ma' Antonia Resta li l-istess attur jiddeskriviha bhala biss habiba tieghu u li ghenitu fi zmienijiet difficli, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar dan, izda mill-provi l-istess hbiberija ma jidhirx li kienet wahda platonika kif qed jindika l-istess attur, izda jirrizulta lill-Qorti b'mod konkusiv li din kienet aktar minn hekk, u dan ghaliex l-istess uliedu jghidu li hija kienet tmur ghandu meta kien abbanduna d-dar konjugali u mar jghix San Pawl il-Bahar.  Dan apparti li jidher ukoll li l-istess attur kien ikun spiss id-dar taghha tant li applika ghall-linja tat-telefon ghalih, irregistra karozza awtorizzata li tidhol f'St. George's Park fl-indirizz taghha, u hemm allegazzjonijiet li xtara djamanti u oggetti prezzjuzi lilha, ghalkemm dan ukoll huwa michud mill-konvenut.  Fl-opinjoni ta' din il-Qorti pero' x-xhieda moghija mill-konvenuta u wlied il-partijiet flimkien mad-dokumenti esebiti mill-konvenuta b'nota a fol. 258 tal-process l-iehor, jindikaw li l-istess attur kellu relazzjoni serja ma' l-istess persuna.

Illi huwa veru li l-attur jikkontesta dan kollu u jghid li l-istess uliedu gew imxewxa minn ommhom – pero' dan huwa kaz fejn illum l-ulied tal-kontendenti huma maggorreni u fil-veru sens tal-kelma rgiel, u mhux xi tfal zghar. Certament jirrizulta mix-xhieda s-sens ta' pika u reazzjoni tal-missier lejn l-istess uliedu, fejn din il-Qorti tghid li mill-provi u bil-mod kif irreagixxa f'din il-kawza u senjatament fil-kawza fl-ismijiet inversi, l-attur ipprova litteralment iweggaghhom, fejn wera ruhu li lanqas kien dispost jghinhom fl-ispejjez ghall-istudju taghhom – anzi f'dan iz-zmien delikat ta' adoloxxenza taghhom l-istess

attur irreagixxa negattivament kontra taghhom bil-mod anke minnhom deskritt, b'dan li certament ghamel il-hajja taghhom aktar difficli. Dan apparti li l-istess ulied il-kontendenti kienu kostretti jghixu barra minn darhom, u wkoll f'fondi li certament ma kienux addattati la ghalihom u lanqas ghal ommhom biex jghixu fihom.

Illi dan qed jinghad peress li anke matul dawn il-kawzi l-istess attur baqa' jghix fid-dar konjugali u l-kumplament tal-familja kienet kostretta tghix ghand omm il-konvenuta u kien biss wara hafna snin li l-konvenuta bdiet tghix fil-post taghhom Bugibba u dan wara li din il-Qorti kellha tintervjeni b'ordni *ad hoc* permezz ta' digriet datat 3 ta' Dicembru 2002 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi sabiex tordna lill-attur sabiex jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lill-konvenuta – u dan anke peress li ghalkemm bil-kliem u anke fis-sottomissjonijiet qal li huwa kien dejjem dispost li jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lill-konvenuta. In verita' dan ma ghamlux qabel ma kien hemm id-digriet imsemmi ta' din il-Qorti, u dan gara biss aktar minn sitt snin wara li gew istitwiti dawn il-kawzi.

Illi mhux hekk biss izda tul dawn il-proceduri kollha l-istess attur ghamel minn kollox sabiex bl-ebda mod ma jghin lil uliedu li kienu ghadhom qed jistudjaw, u dan minkejja li hareg *boarded out* mix-xoghol tieghu u rcieva l-ammont ta' sebat elef u mitt lira Maltin (Lm7,100), mill-liema ammont ma ghadda xejn lil martu. Dan apparti li utilizza kont u self ta' *flexicredit* ghall-iskopijet tieghu, u fondi u oggetti ohra ghall-uzu personali tieghu, u fil-konfront ta' martu u uliedu kien u baqa' iebes ferm tul il-proceduri kollha ta' din il-kawza.

Illi fil-fatt jidher car, u dan anke mix-xhieda tieghu stess li l-iskop ta' l-attur f'dawn il-kawzi kien principarjament biex jaghmel dak kollu possibbli sabiex huwa jilhaq jakkwista kemm jiflah. Fil-fatt jidher li sborzja somom sostanzjali ghall-iskopijiet tieghu, (u hawn il-Qorti qed tirreferi *inter alia* ghas-somma li rcieva meta rtira mix-xoghol, is-self li ha mill-bank, il-fatt li zamm il-kirja tal-fond ta' San Giljan ghalih, l-bejgh tal-*Life Policy* u dan minghajr il-kunsens ta' martu, u atti ohra), mentri l-intenzjoni tieghu kienet li

jghabbi l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’dejn. Fil-fatt huwa jsostni li hemm diversi dejn ma’ terzi persuni, dejn li mill-fondi li kellu f’idejh huwa naqas li jipprova jhallas. Dan apparti li fiz-zmien li kien abbanduna lil martu u lil uliedha ma kienx qed ihallasha manteniment.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda in kwantu tali separazjoni bejn il-konjugi Attard qed jigi allegat li sehhet b’tort tal-konvenuta, u milqugha biss fis-sens li l-istess attur qed jigi dikjarat eskussivament u unikament responsabbli ghall-firda personali bejn il-partijiet. Dan minhabba li huwa kien hati verso l-konvenuta martu ta’ sevizzi, theddid, adulterju, ingurji gravi u abbandun tad-dar konjugali, u li kawza ta’ l-istess l-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbi u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-agir ta’ l-attur kemm f’din il-kawza u kemm fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan dejjem fil-limiti mposti mill-ligi. Dan peress li rrizulta lil din il-Qorti li l-istess attur dejjem prova b’kull mod javvantaggja ruhu mill-assi tal-komunjoni, u mill-introjtu tal-komunjoni b’dannu ghall-konvenuta u ghall-assi tal-komunjoni, li kienu u baqghu, anke tul l-istess kawza, kollha kkontrollati minnu. Fil-fatt il-konvenuta tallega li proprju minhabba dan il-kontroll, huwa ttenta jisforzaha f’xi forma ta’ ftehim bl-iskop li jiehu dak li jrid, u fin-nuqqas ta’ l-istess ftehim, huwa kompla aktar ikun iebes maghha. Din il-Qorti thoss li dan kollu kemm hu gie ppruvat anke jekk wiehed ihares lejn il-mod kif l-istess attur agixxxa f’din il-kawza u fil-kawza l-ohra, u dan soffermat ukoll bin-natura ta’ prova tieghu.

Illi in sostenn ta’ dan gja’ nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet premessi li l-attur meta hareg *boarded out* ircieva s-somma ta’ sebat elef u mitt lira Maltin, (Lm7,100) liema somma zamm ghalih. Irrizulta wkoll li sakemm kellu l-appartament f’San Giljan, li sussegwentement inbiegh mill-bank b’subbasta baqa’ jdahhal il-kera ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar bla ma qatt ghadda xejn lill-attrici. Utilizza self mill-bank taht *flexicredit* (fl-

ammont ta' tliet elef, tmien mija u erbgha u sebghin lira Maltin (Lm3,874) – Dok. "H" – fol. 275 fil-process fl-ismijiet inversi) ghall-iskopijiet tieghu, u dan bla ma bl-ebda mod ikkonsulta jew ha l-kunsens tal-konvenuta - anzi kollox sar bil-mohbi taghha. Jirrizulta wkoll li sarraf il-*Life Policy* li kien hemm ezistenti u dan ukoll minghajr ma l-konvenuta kienet taf bl-istess u naturalment zamm is-*surrender value* ta' l-istess. Dan apparti spejjez ohra li ghamel ghalih innifsu u oggetti li ha anke mid-dar matrimonjali anke fi zmien meta anke kien naqas li jmantni lill-konvenuta u lil uliedha, anke meta dawn kienu ghadhom minorenni. F'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-konvenuta u t-tliet ulied tal-partijiet fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Illi in vista ta' dan din il-Qorti tassenja l-fond *"Flat 8",* St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba kollu lill-konvenuta, b'dan ghalhekk li sehem l-attur mill-istess fond qed jigi assenjat kollu lill-konvenuta, kemm bhala kumpens ta' diversi spejjez u ammonti ta' flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti li l-istess attur utilizza ghall-iskopijiet personali tieghu, u dan anke b'mod abbusiv, u kemm ukoll b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 (2) u (6) ta-Kap 16**.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-porzjoni ta' art konsistenti hames sesti (5/6) indivizi minn porzjon diviza ta' art imsejha "Ta' Ciromblu *sive* Ta' Geunia", fil-kontrada ta' Delimara, limiti taz-Zejtun, tal-kejl superficjali komplessiv ta' ghoxrin (20) tomna u tliet (3) kejliet kollox kif deskritt fil-kuntratt pubbliku datat 5 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li jinsab esebit a fol. 246 tal-process tal-kawza bl-ismijiet inversi ghandha tinbiegh in subbasta u mill-istess ghandu l-ewwel jithallas id-dejn kollu li hemm fil-komunjoni ta' l-akkwisti u li qed jigi hawn indikat konsistenti fil-kontijiet tad-dawl u ilma tal-*flat* fuq imsemmi, fl-ammont ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm173.58) – Dok. "A2" esebit ma' l-affidavit ta' l-attur fil-kawza l-ohra; l-ammont ta' Lm245.55 f'kont tat-telefon – Dok. "A3" esebit fil-kawza l-ohra; kontijiet ghall-manutenzjoni mal-Lantana Developments Limited – Dok. "A4" esebit fil-kawza l-ohra u arretrati ta'

cens ta’ l-istess *flat* – skond l-attur ta’ tliet mija u sittin lira Maltin (Lm360) cirka, u l-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta’ l-istess immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar l-allegat dejn ma’ hu l-attur, Angelo Attard, li jidher li jifformaw il-mertu ta’ kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ndikati mill-attur fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu a fol. 305 tal-process l-iehor, din il-Qorti thoss li l-istess allegat debitu ma giex ippruvat mill-attur.  Anzi jidher li dwar dan il-konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti f’din il-kawza ma hemm l-ebda prova ta’ dan l-allegat dejn – anzi din il-Qorti thoss mhux biss li hemm dubju serju dwar l-ezistenza ta’ l-istess, izda wkoll li jekk kien hemm ftehim ma’ hu l-attur dan sar kollu minghajr il-kunsens tal-konvenuta (u dan mhux l-ewwel darba li sar mill-attur) u ghalhekk kull ammont li jista’ jkun dovut lil Angelo Attard, anke bhala *sorte* u spejjez gudizzjarji konsegwenti ghall-istess kawzi ghandhom jigu sopportati mill-attur, b’dan li jekk il-konvenuta tigi b’xi mod kostretta thallas xi ammont mill-istess, hija jkollha dritt ta’ rivalsa kontra l-istess zewgha l-attur.   B’dan il-mod din il-Qorti qed tordna lill-attur sabiex jikkompensa lill-konvenuta f’dan ir-rigward.

Illi bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-konvenuta  qed tigi assenjata ukoll minn din il-Qorti kamra tas-sodda tat-tfal, gradenza nterzjata mixtrija minghand Joinwell, gradenza ta’ zewgt ikxaxen; *grandfather clock*; nofs is-sett tal-borom *waterless*, u tliet itwapet kbar. Ghalhekk tordna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ hmistax-il gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-attur il-*bureau,* is-*side table*, nofs is-sett tal-borom *waterless*, u l-oggetti kollha li ghad hemm fil-fond matrimonjali “Marton”, Triq it-Tajr, Santa Lucia, inkluz il-valur ta’ benefikati li saru fl-istess fond matrimonjali waqt iz-zwieg, u wkoll il-vettura msemmija f’dawn l-atti misjuqa mill-attur, li kollha jinsabu fil-pussess ta’ l-attur.

Illi din il-Qorti qed tiddikjara bhala beni parafernali tal-konvenuta s-segwenti, u cjoe' l-kamra tal-*main bedroom*, il-kamra tal-pranzu, is-salott komplut, id-*dinner sett* ta' disgha u disghin bicca, l-arlogg ta' mal-hajt fil-kaxxa tal-kewba, *carpet cleaner*, sett tal-kristall, tliet settijiet lozor, par purtieri tal-bellus, *reversable quilt* u ghalhekk tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu, fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-konvenuta fir-residenza taghha.

Illi min-naha l-ohra tiddikjara bhala beni parafernali ta' l-attur f'din il-kawza l-fond bl-isem "Marton", Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, *stante* li dan il-fond inxtara f'isem l-attur qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta.

Illi t-tieni talba ghandha tigi milqugha u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda fil-konfornt tal-konvenuta izda milqugha fil-konfront ta' l-attur innifsu kif gie provdut fis-sentenza l-ohra fl-ismijiet inversi, b'dan li qed jigu applikati kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tichad l-ewwel talba attrici kif proposta u tilqa' l-istess biss ghar-ragunijiet imputabbi esklussivament lill-attur, tichad is-sitt talba fil-konfront tal-konvenuta izda tapplika l-istess dispozizzjoni ta' l-artikolu 48 fl-intier taghhom fil-konfront ta' l-attur ukoll kif provdut fis-sentenza fl-ismijiet inversi, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, b'dan pero' li jigi dikjarat li l-istess fond hemm indikat huwa parafernali ghall-attur u ma ghandux jibqa' jigi kkonsidrat bhala l-fond matrimonjali tal-konjugi Attard, u <u>tilqa' t-talbiet attrici</u> l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan:-

(1) Illi tichad din it-talba in kwantu l-istess firda pesonali ma sehhietx minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenuta,

izda tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali fis-sens li tali firda personali sehhet b'tort esklussiv ta' l-attur u ghalhekk l-istess attur qed jigi ddikjarat eskussivament u unikament responsabbli ghall-firda personali bejn il-partijiet, u dan minhabba li huwa kien hati *verso* l-konvenuta martu ta' sevizzi, theddid, adulterju, ingurji gravi u abbandun tad-dar konjugali, u li kawza ta' l-istess l-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbi u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

(2)Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

(3)Tilqa' din it-talba fis-sens li din il-Qorti tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti u cjoe:-

a) Illi fl-ewwel lok tassenja l-fond Flat 8, St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba kollu lill-konvenuta, b'dan ghalhekk li sehem l-attur mill-istess fond qed jigi assenjat kollu lill-konvenuta kemm bhala kumpens lilha ta' diversi spejjez u ammonti ta' flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti li l-istess attur utillizza ghall-iskopijiet personali tieghu u dan anke b'mod abbusiv, u kemm b'applikazzjoni wkoll ta' l-**artikolu 54 (2) u (6) ta-Kap 16.** Dwar dan il-Qorti tirreferi ukoll ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet inversi f'dan ir-rigward.

b) Illi fit-tieni lok din il-Qorti tordna wkoll li l-porzjoni ta' art konsistenti hames sesti (5/6) indivizi minn porzjon diviza ta' art imsejha "Ta Ciromblu *sive* Ta' Geunia", fil-kontrada ta' Delimara, limiti taz-Zejtun, tal-kejl superficjali komplessiv ta' ghoxrin (20) tomna u tliet (3) kejliet kollox kif deskritt fil-kuntratt pubbliku datat 5 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li jinsab esebit a fol. 246 tal-process tal-kawza bl-ismijiet inversi ghandha tinbiegh in subbasta u mill-istess ghandu l-ewwel jithallas id-dejn kollu li hemm fil-komunjoni ta' l-akkwisti u li qed jigi hawn indikat konsistenti fil-kontijiet tad-dawl u ilma tal-*flat* fuq imsemmi fl-ammont ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u

tmienja u hamsin centezmu (Lm173.58) – Dok. “A2” esebit ma’ l-affidavit ta’ l-attur fil-kawza l-ohra; l-ammont ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm245.55) f’kont tat-telefon – Dok. “A3” esebit fil-kawza l-ohra; kontijiet ghall-manutenzjoni mal-Lantana Developments Limited – Dok. “A4” esebiet fil-kawza l-ohra u arretrati ta’ cens ta’ l-istess *flat* – skond l-attur ta’ tliet mija u sittin lira Maltin (Lm360) cirka, u l-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta’ l-istess immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

c) Illi fit-tielet lok bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-konvenuta qed tigi assenjata wkoll minn din il-Qorti l-kamra tas-sodda tat-tfal, gradenza nterzjata mixtrija minghand Joinwell, gradenza ta’ zewgt ikxaxen; *grandfather clock*; nofs is-sett tal-borom *waterless*, tliet itwapet kbar, u ghalhekk tordna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ hmistax-il gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu kollox *ai termini* wkoll tad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet inversi.

d) Illi min-naha l-ohra din il-Qorti qed tasssenja lill-attur l-*bureau,* is-*side table*, nofs is-sett tal-borom *waterless*, u l-oggetti kollha li ghad hemm fil-fond matrimonjali “Marton”, Triq it-Tajr, Santa Lucia, inkluz il-valur ta’ benefikati li saru fl-istess fond matrimonjali waqt iz-zwieg, u wkoll il-vettura msemmija f’dawn l-atti misjuqa mill-attur, li kollha jinsabu fil-pussess ta’ l-istess attur.

e) Illi din il-Qorti qed tiddikjara wkoll bhala beni parafernali tal-konvenuta s-segwenti u cjoe’ l-kamra tal-*main bedroom*, il-kamra tal-pranzu, is-salott komplut, id-*dinner sett* ta’ disgha u disghin bicca, l-arlogg ta’ mal-hajt fil-kaxxa tal-kewba, *carpet cleaner*, sett tal-kristall, tliet settijiet lozor, par purtieri tal-bellus, *reversable quilt* u ghalhekk tordna lill-attur sabiex spejjez tieghu, fi zmien qasir u perentorju ta’ hmistax-il gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-konvenuta fir-residenza taghha.

f) Illi min-naha l-ohra tiddikjara bhala beni parafernali ta' l-attur f'din il-kawza l-fond bl-isem "Marton", Triq Halib it-Tajt, Santa Lucia, *stante* li dan il-fond inxtara f'isem l-attur qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta.

g) Illi dwar l-allegat dejn ma' Angelo Attard, hu l-attur dan ghandu ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u ghal dawk indikati fil-kawza fl-ismijiet inversi jigu sopportati unikament mill-attur, inkluz kull *sorte* u spejjez gudizzjarji konsegwenti ghall-istess kawzi istitwiti mill-istess Angelo Attard, b'dan li jekk il-konvenuta tigi b'xi mod kostretta thallas xi ammont mill-istess, hija ghandha dritt ta' rivalsa kontra l-istess attur. B'dan il-mod din il-Qorti qed tordna u tobbliga lill-attur sabiex jikkompensa lill-konvenuta f'dan ir-rigward u dan kollox kif inghad aktar 'il fuq fl-istess sentenza hawn citata fl-ismijiet inversi.

(4) Tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja biex jircievi kull att ta' divizjoni ta' l-immobbli u dan il-kuntratt ghandu jsir fil-bini tal-Qorti Superjuri, Valletta, nhar it-28 ta' Dicembru 2004 fil-11:30 a.m.

(5) Tinnomina lill-Avukat Dottor Anna Mallia biex tirrapprezenta lill-eventwali kuntumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;

(6) Tichad din it-talba b'dan pero' li kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet inversi d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** qed jigu applikati fl-intier taghhom fil-konfront ta' l-attur;

(7) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma hemm l-ebda bzonn li tinghata din id-direttiva, tenut kont tal-fatt ukoll li tali fond "Marton", Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, gie dikjarat bhala proprjeta' parafernali ta' l-attur u l-istess ma ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-konjugi Attard, u l-konvenuta gja' allontanat ruhha mill-istess fond.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------